# San Filep, Dun Karm... u jien

**Sikwit naħseb u nqis li aħna ż-Żebbuġin, għallanqas ħafna minna, lil Mons. C. Psaila jew aħjar Dun Karm kif inhu l-aktar magħruf, nafuh l-aktar għal żewġ poeżiji tiegħu biss. U dan minkejja li hu kiteb vrus bla għadd, volumi sħaħ ta' poeżija l-ġmiel tagħha, kemm reliġjuża kif ukoll profana.**

Iż-żewġ innijiet li Dun Karm kiteb u li huma ferm imnaqqxa f'moħħ il-poplu Żebbuġi huma: (a) l-Innu Malti, jiġifieri dak Nazzjonali, li fi Frar ta' din is-sena 1993 għalaq sebgħin sena minn mindu ndaqq u nstama' l-ewwel darba fil-pubbliku, ġewwa t-Teatru Manoel tal-belt Valletta, sewwasew fit-3 ta' Frar 1923 f'serata mtella' mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti bis-sehem tas-Società Mandolinistica Melita, u mmużikat minn Robert Samut; u (b) l-innu li Dun Karm kiteb bħala ġieħ lil San Filep, patrun ta' Ħaż-Żebbuġ, ir-raħal "Semper Virens" – Dejjem Iħaddar – li l-kliem tiegħu jurina bis-sħiħ l-imħabba kbira li l-poeta ħuna kellu għall-qaddis missierna Filippu. Dan l-innu sar popolari bil-bosta minħabba li l-mużika tiegħu hi ferm melodjuża, mogħtija lilna mill-magħruf surmast Ġużeppi Caruana, kompożitur ta' ħila fejn jidħlu innijiet reliġjużi, bħalma huma l-Innu ta' Mejju, l-innijiet ta' filgħodu u ta' filgħaxija, Nadurawk ja Ħobż tas-Sema, Tina l-Ħlewwa, ilkoll xogħol ta' Dun Karm f'dawk li huma versi. Innijiet ta' ġmiel u seħer liema bħalhom!

Għaldaqstant min minna se jasal qatt jiċħad jew imaqdar ix-xrar ta' mħabba li Dun Karm kellu għal San Filep? Min xi darba se jiġih id-dubju li dan il-poeta saċerdot ta' Kristu, wild Ħaż-Żebbuġ, ma kienx iqis lil Filippu t'Aggira bħala missier? Tabilħaqq nistqarr bla tlaqliq ta' xejn li Dun Karm kien iħoss u jemmen dan kollu li fissirtilkom għaliex kieku ma kienx tassew hekk kieku qatt ma kien jasal biex jikteb strofa qaddisa u qawwija, nifhem ngħid ir-ritornell ta' l-Innu "Lil San Filep t'Aggira", li tidwi ma' kull rokna ta' raħalna u tinżel għaslija fil-qalb ta' kull żebbuġi sabiex tfihemna kif jixraq is-sens li tħaddan fiha meta nkantaw flimkien u ngħajtu:

*O Missier maħbub Filippu*
*dejjem magħna kun ħanin;*
*żomm il-għaqda, żomm l-imħabba*
*ġewwa qlub iż-Żebbuġin.*

Sata' Dun Karm jagħmel talba isbaħ u aħjar minn dik għal ħutu, ulied ir-raħal, kemm dawk ta' żmienu kif ukoll dawk ta' llum jew ta' għada, ta' dawk kollha li għad jimlew id-djar għonja jew fqar fiż-żmien ġejjieni? X'hemm aħjar mill-għaqda u mill-imħabba safja fil-qalb tiegħek u tiegħi, tagħna lkoll kemm aħna, biex nistgħu ngħixu dejjem fis-sliem u l-paċi, magħqudin, annuna bejnietna taħt il-barka tal-Mulej Alla? Xejn u xejn. U għalhekk irrid intenni u ngħid li Dun Karm, fil-qalb kbir li kellu, kien iħoss għal San Filep dik ix-xorta ta' mħabba bla tarf li torbot iben sinċier ma' missier twajjeb u ħanin; ta' saċerdot mimli bil-grazzja u biż-żelu ma' wieħed mill-appostli kbar ta' Ġesù Sidna li ħadem fuq li ħadem biex jeħles lin-nies t'Aggira mill-ħakma kerha tax-xitan.

Inħoss li fuq dan il-punt għamilt hawnhekk ruħi ċar biż-żejjed u m'hemmx għalfejn nissokta nitkellem dwaru. Dun Karm hu tabilħaqq poeta u qassis kbir, Żebbuġi li għamel unur lil raħal twelidu u iben bil-wisq den ta' San Filep, missier ta' kull min twieled f'Ħaż-Żebbuġ, il-belt De Rohan. Imiss, issa, li nitkellem ftit dwari nnifsi u nibda biex nistaqsi: Jien fejn nidħol f'din il-biċċa? X'għandi x'naqsam jien ma' Dun Karm u ma' San Filep?

## *Fejn nidħol jien?*

Ma' San Filep nidħol l-istess kif daħal fi żmienu Dun Karm. Il-għaliex jiena wkoll inħoss ruħi iben il-protettur ta' raħalna għalkemm, forsi, mhux wieħed den daqskemm kien Dun Karm il-għaliex ma ħdimtx f'ħajti fil-qasam tas-Sinjur Alla bħalma ħadem u ħabrek hu ladarba hu kien saċerdot ta' Kristu. Hekk ukoll, bħala poeta ta' kalibru ferm iċken minn ta' Dun Karm, lil San Filep tajtu mill-aħjar li naf, jiġifieri nsiġt għanjiet li ħarġu jbaqbqu minn qiegħ qalbi b'dik l-imħabba ta' iben lejn missieri Filippu t'Aġġira. Tassew li l-versi tiegħi qatt ma laħħqu l-livell għoli ta' dawk minsuġa minn Mons. C. Psaila; imma, fl-istess ħin, kull strofa li ktibt u fassalt tagħti xhieda ħajja ta' kemm ngħożż u nistma l-protezzjoni ta' San Filep ladarba jien Żebbuġi minn rasi sa saqajja, ħaġa li nħossni kburi biha mhux bil-ftit.

Ngħidilkom li jien lil Dun Karm kellimtu f'ħajti darba waħda biss. Niftakar li l-okkażjoni kienet waħda miċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru kull sena fil-Belt Valletta quddiem il-Monument ta' l-Assedju l-Kbir fi Triq Irjali – Illum Triq ir-Repubblika – biex bihom titfakkar ir-rebħa tat-8 ta' Settembru. Kienet żgur xi sena minn dawk tal-Ħamsinijiet (1954 sa 1957) imma li ma niftakarx eżatt liema minnhom kienet. Imma dak inhar, wara li ntemm id-diskors ta' l-okkażjoni u tkanta l-Innu Nazzjonali, lil Dun Karm ilmaħtu ħiereġ minn qalb in-nies u se jaqbad it-triq lejn Putirjal biex imur lura bil-karozza tal-linja u jinġabar f'daru ġewwa Tas-Sliema. U jien għamilt ftit wiċċi u rsaqt inkellmu. Tkellimna waqt li ssoktajna mexjin bil-qajla. L-ewwel fissirtilu min jiena, Żebbuġi bħalu, għalliem fl-iskejjel tal-Gvern u kittieb ta' poeżija bil-Malti. Hu deher li ħa nteress u laqa' minnufih it-talba tiegħi li jaqra xi ftit versi milli kont ktibt u jurini l-fehma tiegħu dwarhom. Bgħatthomlu bil-posta l-għada u wara tliet ġimgħat jew xahar irċevejthom lura d-dar b'ittra li kiteb Dun Karm innifsu. Kalagrafija pulita u ċara kemm sata' jkun; erba' kelmiet ħfief li bihom stajt nifhem li: (a) il-poeżiji tiegħi kienu għoġbuh; (b) kelli nisskota nikteb u nimxi 'l quddiem it-triq tal-kitba ta' versi bil-Malti u (ċ) nagħmel sewwa jekk il-ħsieb u l-fehma li nittratta jkunu ċari kemm jista' jkun biex min jaqra l-poeżija tiegħi ma jsibhiex bi tqila jifhem il-messaġġ li nkun xtaqt nesprimi u nwassal.

Ħaġa li bilkemm titwemmen din l-ittra li kitibli Dun Karm ma kellhiex fuqha d-data ta' meta nkitbet. Nistħajjel li għal xi raġuni – forsi l-moħħ fix-xjuħija ma jibqax jikkonċentra kif imiss jew minħabba t-taħbit ta' mpenji oħra li aktarx inessu 'l dak li jkun x'qed jagħmel – Dun Karm lanqas intebaħ li ma kienx niżżel il-jum, ix-xahar u s-sena ta' meta kitibli din l-imbierka ittra. Qabad u bagħathieli kif ħarġet mill-pinna tiegħu. Dik l-istorja kollha!

Qatt iktar ma ltqajt ma' Dun Karm, il-poeta nazzjonali tagħna. Imma, għallanqas, kelli x-xorti li nitkellem darba miegħu. U b'hekk biss inħossni kburi u kuntent.

Issa kif tafu, Mons. C. Psaila miet f'Ottubru ta' l-1961 u, billi hu kien twieled fl-1871 dan ifisser li hu ħalla d-dinja biex imur jingħaqad ma' Alla l-Imbierek ġewwa l-Ġenna fl-età venerabbli ta' 90 sena. Għaxar snin wara mewtu, jiġifieri fl-1971, f'Ħaż-Żebbuġ tagħna, kienu saru ċelebrazzjonijiet b'ġieħu biex b'hekk jitfakkar il-mitt anniversarju tat-twelid tiegħu. Dik id-darba, f'Ottubru 1971, kien inkixef ukoll il-monument tiegħu li nsibu f'tarf Triq Sciortino, min-naħa ta' Misraħ San Filep, fejn kulħadd jista' jarah sal-ġurnata tal-lum. U jien, biex ningħaqad ma' ħuti ż-Żebbuġin u ma' ħafna nies Maltin u nissieħeb fiċ-ċelebrazzjonijiet sbieħ, mad-diskorsi maħsuba u mqanqla kif ukoll mal-kant u mad-daqq tal-banda li ħadet sehem, tajt sehmi bil-mod uniku li stajt u li naf. Qbadt u ktibt poeżija f'ġieħ Dun Karm, ħija bħala wild Żebbuġi u missieri bħala għannej ta' sengħa kbira u poeta nazzjonali. U llum nixtieq li din il-poeżija tiegħi tidher mitbugħa f'dan il-ktejjeb, programm ta' tifkira maħruġ mill-Banda San Filep, l-ewwel fost kemm baned Maltin (1851), fl-okkażjoni tal-festi li jsiru f'ġieħ il-Qaddis u Protettur tagħna din is-sena, f'Ġunju 1993.

## *Innu lil Dun Karm*

*Fl-okkażjoni ta' l-Ewwel Ċentinarju tat-Twelid Tiegħu, 1871-1971.*

Insellmulek Malti ħuna,
Iben dan ir-raħal tagħna;
Bik ilsienna bil-wisq stagħna
U sar l-għaxqa ta' kulħadd.
Barranin ġew u faħħruna
Meta qraw il-kitbiet tiegħek,
Għax il-ħsieb li twieled miegħek
Jibqa' jgħix u ma jmut qatt.

Int missier il-poeżija
Li kibret fuq l-Art Maltija.

Liema ferħ jinżel ġo qalbna
Meta dduq ta' l-għasel benna
ta' l-għanjiet ħerġin mill-ġenna
Li sawwart matul is-snin;
Liema ħeġġa nħossu f'talbna
Meta ntennu l-innijiet
Mad-daqq ħelu tas-smewwiet
Lill-Ħallieq bla tarf ħanin.

Int missier il-poeżija
Li kibret fuq l-Art Maltija.

Inti wkoll ta' Kristu Sidna
Kont qassis l-aktar fidil,
Li tul l-għomor tiegħek twil
Lilu qdejt u ħabbejt sewwa;
Lilek nixbhu, Dun Karm, tridna
W għal kbir Alla naħdmu sħiħ,
Ngħożżu wkoll l-Isien sabiħ
Ta' din l-Art mimlija ħlewwa.

Int missier il-poeżija
Li kibret fuq l-Art Maltija.

Ma' dawn l-istrofi nixtieq illum inżid oħra biex lil Dun Karm ngħidlu:

Int kont tħobb lir-raħal tagħna,
Ħaż-Żebbuġ li tana l-ħajja,
Fejn ixxettlet kemm il-ġrajja
L' għamlet ġieħ liż-Żebbuġin;
U kont tħoss dik l-id setgħana
Ta' San Filep, kbir qaddis,
W għax b'missier lilu kont tqis
Tlabtu jżommna magħqudin.

Miegħek fis ningħaqad jien:
Sliem u għaqda tul iż-żmien.

**Pawlu Mifsud**